# 87. Lil Connie

***(imfassal fuq is-sunett famuż ta' Ronsard)***

Connie għad jasal jum minn tax-xjuħija
li f'idejk jiġu dawn il-versi fqira
l' Anton kiteb għalik b'imħabba kbira,
waqt li tkun taqra waħdek filgħaxija.

Jien inkun mitt, u ġismi sar ħamrija,
u ruħi tkun qed tagħmel xi titjira;
minni ma fadal xejn ħlief xi tifkira;
inbiegħet tkun fl-irkant l-iskrivanija.

U dak il-ħin, Connie, xi trid tiftakar:
li ħqart poeta jew li tajtu l-qima?
kemm kont int kiefra jew kemm kont ta' sabar?

Jekk trid li dak il-ħin fuq il-wiċċ tiegħek
ma jkunx hemm żewġ demgħat iżda tbissima,
Connie la twarrabnix, ħaddanni miegħek!